MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 517/2012

**GO p.l.c. C 22334**

**vs.**

**Justice Stephanie K.I. 58645 (A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' sitt mija u disgħa u erbgħin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€649.68), in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 (*A/C40158850)* u li jinkludi telefon 21583681, servizz ta' televiżjoni 1425118111, u servizz ta' internet, liema servizzi ġew reżi mis-soċjeta' attriċi lill-konvenuta wara kuntratt datat 15 t'Ottubru 2010;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' sitt mija u disgħa u erbgħin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€649.68), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, ippreżentata fil-5 ta' Lulju 2012 u numerata 1369/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------